MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Numru. 1171/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Ivan Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ivan Galea ta' 39 sena, iben David u Maria Assunta nee' Vella, imwieled nhar fil-5 ta'

Ottubru, 1974, residenti gewwa Block A, Flat 8, Triq San Nikola, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' numru 500774(M):

Talli fit-23 ta' Awwissu 2013 bejn 01:30 u 09:30 ta' filghodu ikkommetta serq ta' flus minn go gabbana bl-isem ta' Mare Azzurro li tinsab fi Triq it-Trunciera San Pawl il-Bahar ghad-detriment ta' Romina Catania u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-mezz.

U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 270, 278(3), 17, 31, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------